MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 965/2005

**United Macaroni Manufacturing p.l.c.**

**vs.**

**Marquita Attard.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Ottubru 2005 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' tnax-il elf mitejn disgha u hamsin liri Maltin u zewg centezmi (Lm12,259.02), bilanc minn somma akbar

rapprezentanti l-valur ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta mis-socjeta’ attrici sa l-10 ta’ Novembru 2004, fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuta (Dok “A”);

Illi llum l-imsemmi ammont ta’ tnax-il elf mitejn disgha u hamsin liri Maltin u zewg centezmi (Lm12,259.02) dovut mill-konvenuta lis-socjeta` attrici huwa kreditu cert, likwidu u dovut tas-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenuta u fil-fehma ta’ l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-**artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta,** sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh billi fil-fehma ta’ l-istess socjeta’ attrici l-konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont maghmula kontra taghha mis-socjeta` attrici (Dok. “B”)

Illi *nonostante* diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluz ittra ufficjali datata 21 ta’ April 2005, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx dak minnha dovut lis-socjeta` attrici (Dok. “C”)

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* ta’ l-**artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnax-il elf mitejn disgha u hamsin liri Maltin u zewg centezmi (Lm12,259.02), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta sal-10 ta’ Novembru 2004, fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 21 ta’ April 2005, u bl-imghax legali dekorribbli mill-24 ta’ Jannar 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. ”A” (fol 5 u 6) li jinkludi fih *statement of account* bin-numru ta’ referenza A99 li juri l-kreditu tas-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenuta, Dok. “B” (fol. 7) affidavit ta’ **Pierre Gatt** u Dok. “C” (fol 8) li hija kopja legali ta’ l-ittra ufficjali datata 21 ta’ April 2005 a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2005.

Rat li l-konvenuta Marquita Attard giet notifikata bic-citazzjoni nhar l-24 ta’ Ottubru 2005 kif jidher *a tergo* ta’ fol. 12 tal-process u wkoll bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-9 ta’ Novembru 2005 a fol 14 fejn dehret Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta’ attrici u rappresentant ta’ l-istess socjeta’ u Dr. Sheheryar Ghaznavi ghall-konvenuta. Xehdet bil-gurament il-konvenuta **Marquita Attard.** Il-Qorti hekk presjeduta ddecidiet li peress li deher li l-konvenuta kellha eccezzjonijiet validi xi tressaq, awtorizzat lill-istess tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data tas-seduta. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Dicembru 2005 ghal dan l-iskop.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-9 ta’ Dicembru 2005 fejn dehret Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta` attrici u dehret ukoll il-konvenuta Marquita Attard mhux assistita. Giet ipprezentata mill-istess konvenuta nota ta’ l-eccezzjonijiet u kontro-talba tal-konvenuta b’kopja lill-kontro-parti. Dr. Gabriella Vella talbet l-isfilz *“ta’ din n-nota peress li kemm in-nota ta’ l-eccezzjonijiet kif ukoll it-talba ta’ l-ghajnuna legali huma tardivi”* kollox kif jidher a fol. 20 tal-process. Il-kawza giet differita ghat-13 ta’ Jannar 2006

ghall-provi u trattazzjoni dwar din it-talba tas-socjeta' attrici ghall-isfilz ta' l-atti fuq indikati.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marquita Attard ammessa ghall-beneficcju ta' l-Ghajnuna Legali pprezentata *seduta stante* fid-9 ta' Dicembru 2005 kif fuq inghad quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cushieri, tali nota ta' eccezzjonijiet a fol 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi meta missierha marad serjament f'Mejju 2003 u miet fit-12 ta' Ottubru 2003, l-eccipjenti kienet imgieghelha mis-socjeta' attrici stess biex thallas id-dejn li kien hemm fil-kont ta' missierha, u ma thallhietx thallas u taqta' l-bilanc li kien beda jidher fil-kont taghha, altrimenti ma kienux ifornuha bl-ghagin. B'dan il-mod hija hallset eluf ta' liri (madwar Lm30,000) mis-sena 2003 'il quddiem lis-socjeta` attrici, kif jirrizulta mid-dokumenti li ghandhom f'idejhom kemm l-eccipjenti kif ukoll l-istess socjeta'. L-eccipjenti m'ghamlet l-ebda *atto d'erede* u ma wirtet xejn minghand missierha.

2. Illi l-eccipjenti trid lis-socjeta' attrici tikkreditalha l-kont taghha bl-ammont li indebitament ikkreditat il-kont ta' missierha, kif jirrizulta mill-konteggi. B'hekk hija ma jkollha taghti xejn lis-socjeta' attrici. Ghalhekk, ser tressaq kontro-talba.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Marquita Attard u l-lista tax-xhieda a fol 22 tal-process iffirmati mill-Avukat Dr. Tonio Azzopardi.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta Marquita Attard** ipprezentata wkoll *seduta stante* quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fid-9 ta' Dicembru 2005, tali kontro-talba fil-fatt tinsab a fol. 23 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici kienet tforni l-ghagin lil missier il-konvenuta ghal diversi snin.

Illi fl-2003 huwa marad u l-konvenuta bdiet tordna l-ghagin hi.

Illi meta miet missier il-konvenuta fit-12 ta’ Ottubru 2003, is-socjeta’ attrici gieghlet lill-konvenuta thallas id-dejn li kien fil-kont ta’ missierha, u ma thallhietx thallas u taqta’ l-bilanc li kien beda jidher fil-kont taghha, altrimenti ma kienux ifornuha bl-ghagin. B’dan il-mod hija hallset eluf ta’ liri (madwar Lm30,000) mis-sena 2003 ‘il quddiem lis-socjeta’ attrici, kif jirrizulta mid-dokumenti li ghandhom f’idejhom kemm l-eccipjenti kif ukoll l-istess socjeta`.

Illi l-konvenuta ma wirtitx lil missierha u ma ghamlet l-ebda *atto d’erede.*

Illi ghalhekk l-istess konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex tghid ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tillikwida, jekk hemm bzonn permezz ta’ perit komputista, l-ammonti kollha li l-konvenuta hallset lis-socjeta’ attrici minn meta marad missierha ‘l quddiem;

2. Tiddikjara li s-socjeta’ attrici kkostringiet lill-konvenuta biex thallas id-dejn ta’ missierha altrimenti ma tigix fornita bl-ghagin;

3. Tordna lis-socjeta’ attrici tikkredita lill-kont tal-konvenut l-ammonti kollha hekk imhallsa mill-konvenuta lis-socjeta’ attrici li gew indebitament ikkreditati mill-kumpanija attrici fil-kont ta’ missier il-konvenuta, altrimenti ma kinetx tigi fornuta bl-ghagin;

4. Tiddikjara, wara dan l-ezercizzju, x’inhu l-bilanc fil-kont tal-konvenuta, *okkorrendo* billi tiddikjara wkoll x’inhu l-bilanc fil-kont ta’ missierha mejjet;

5. Tikkundanna lis-socjeta’ attrici tirrifondi kull ammont li gie migbur minghand il-konvenuta indebitament.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-versamenti. Is-socjeta’ attrici hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta ghall-fini tal-**kontro-talba** u l-lista tax-xhieda b'kopji tad-dokumenti annessi fejn juru li t-talba ghall-Ghajnuna Legali giet milqugha mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R Micallef fit-2 ta' Dicembru 2005 (fol. 25 u 28 tal-process) billi assenjat lill-rikorrenti, l-konvenuta odjerna, bhala avukat ta' l-Ghajnuna Legali lil Dr Tonio Azzopardi u wkoll lill-Prokuratur Legali Luisa Tufigno.

Rat r-relazzjoni ta' Dr. Joseph Mifsud a fol. 26 u 27 tal-process.

Rat id-digriet datat 2 ta' Dicembru 2005 a fol. 28 tal-process.

Rat l-ordnijiet ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datati 13 u 26 ta' Jannar 2006 fejn il-kawza giet differita ghat-22 ta' Marzu 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-22 ta' Marzu 2006 a fol 31 tal-process fejn dehret Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta' attrici u Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenuta. Il-partijiet ukoll prezenti. Il-Qorti nnotat li r-rikors tal-konvenuta tas-16 ta' Jannar 2006 kien ghadu ma giex inserit fil-process u ordnat li dan isir minnufih flimkien ma' l-atti kollha relattivi. Dr. Tonio Azzopardi rrileva u kkonferma li n-nota ta' l-eccezzjonijiet ghalkemm giet prezentata fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2005 mill-parti, din ma gietx mahlufa fir-registru, bl-intendiment li din tinhalef wara l-istess seduta u li baqghet ma saritx. Il-Qorti rriferiet ghad-digriet taghha tal-31 ta' Jannar 2006 (fuq ir-rikors tal-konvenuta datat 28 ta' Dicembru 2005) u kkonfermat l-istess digriet bit-termini hemm indikati fl-istess digriet jghaddu mid-data tas-seduta. Il-kawza giet differita ghall-24 ta' Mejju 2006 ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet fuq dan il-punt tal-gustifikazzjoni kontumacja tal-konvenuta.

Rat ir-rikors imsemmi tal-konvenuta Marquita Attard ammessa ghall-beneficcju ta' l-Ghajnuna Legali pprezentat fit-28 ta' Dicembru 2005 a fol. 32 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizza lill-istess

konvenuta tikkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni akkompanjanti n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha. Il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontro-parti b'ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta bid-digriet taghha moghti fil-11 ta' Jannar 2006 kif jidher a fol 34 tal-process.

Rat ir-risposta tas-socjeta' attrici pprezentata fil-25 ta' Jannar 2006 a fol 35 fejn opponew ghat-talba tal-konvenuta sabiex hija tigi awtorizzata tikkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet u kontro-talba taghha (ghalkemm din ta' l-ahhar mhux specifikament imsemmija fir-rikors) ghaliex sostnew li f'dan l-istadju tali talba hija intempestiva ghaliex tali nota ta' eccezzjonijiet u kontro-talba gew pprezentati tardivament. Ghalhekk is-socjeta' esponenti opponiet ghat-talba tal-konvenuta kif kontenuta fir-rikors minnha pprezentat fit-28 ta' Dicembru 2005.

Rat id-digriet tal-31 ta' Jannar 2006 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuta tipprezenta l-affidavits taghha kollha dwar it-talba tar-rikors taghha datat 28 ta' Dicembru 2005 bin-notifika relattiva u dan sa ghoxrin (20) gurnata mid-data tad-digriet, u l-kontro-parti jkollha l-istess terminu ghall-prezentata ta' l-istess affidavits bin-notifika kif indikati, u r-rikors thalla ghall-finali trattazzjoni ghas-seduta li kien imiss, dan kif jidher a fol. 36 tal-process.

Rat in-nota tal-**konvenuta Marquita Attard** datata 22 ta' Mejju 2006 fejn biha esebiet l-affidavit taghha stess ta' l-istess data a fol. 40 u 41 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2006 fejn deher Pierre Gatt ghas-socjeta' attrici assistit minn Dr. Gabriella Vella u l-konvenuta assistita minn Dr. Tonio Azzopardi. Xehdu bil-gurament Dr. Joseph Mifsud u Marbeck Spiteri. Il-Qorti nnutat li l-affidavit tal-konvenuta kien tardiv izda Dr. Gabriella Vella inghatat kopja ta' l-istess *seduta stante* u l-kawza giet differita sabiex jigi deciz jekk tali nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta hijiex tardiva ghat-28 ta' Gunju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti bhala Dok. “GV1”, “GV2” u “GV3” u x-xhieda ta’ **Dr. Joseph Mifsud** u **Marbeck Spiteri ghar-Registratur tal-Qorti** moghtija fl-24 ta’ Mejju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi d-decizjoni odjerna titratta dwar talba sabiex jigi deciz jekk in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuta hiex tardiva u ghalhekk jekk l-istess konvenuta hijiex kontumaci. Fil-verita’ u ineffetti din it-talba tirrisolvi ruhha effettivament ghall-talba ta’ gustifikazzjoni ta’ kontumacja, fejn min-naha tas-socjeta’ attrici qed jigi allegat li tali nota ta’ eccezzjonijiet hija tardiva u ghalhekk ghandha tigi sfilzata, filwaqt li l-konvenuta qed titlob sabiex tithalla tahlef id-dikjarazzjoni annessa man-nota ta’ eccezzjonijiet taghha u l-kontro-talba u dan *stante* li dan minhabba malintiz din baqghet ma nhalfitx minnha peress li hija pprezentat l-istess *seduta stante* quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u dan meta l-avukat ta’ l-ghajnuna legali lilha assenjat Dr. Tonio Azopardi ma kienx prezenti waqt is-seduta, b’dan li l-istess nota ta’ eccezzjonijiet u wkoll il-kontro-talba gew inseriti fil-process b’dan il-mod fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2005, kif inghad u kif jidher verbalizzat.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li meta wiehed jikkonsidra kollox, effettivament irid jigi deciz jekk l-istess konvenuta ghandhiex tithalla tipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet b’mod regolari, u jekk saret tardivament, jekk l-istess konvenuta ggustifikatx il-kontumacja taghha, u fin-nuqqas l-atti kollha minnha pprezentati jigu sfilzati u jigi ddikjarat li l-istess konvenuta hija kontumaci.

Illi in sostenn tat-talba u tezi taghha l-konvenuta Marquita Attard fl-affidavit taghha xehdet li s-socjeta’ attrici kienet baghtet ittra lil ommha fejn talbitha thallas is-somma mertu tal-kawza odjerna. Ommha cemplet lid-direttur tas-

socjeta' attrici u qaltlu li hija ma kellhiex minn fejn thallsu. Wara xahrejn, il-konvenuta rceviet ic-citazzjoni odjerna. Hija hadet ic-citazzjoni ghand Dr Gasnavi li deher maghha l-Qorti fl-ewwel seduta peress li l-kawza kienet bil-procedura tal-giljottina. Fid-9 ta' Novembru 2005, l-ewwel dehra, hija telghet tixhed u spjegat ghalfejn riedet tikkontesta l-kawza.

Illi l-Qorti diversament presjeduta dakinhar tatha ghoxrin (20) jum biex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha. Hija spjegat li hi ma setghetx tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ghaliex is-somma li kellha thallas lir-Registru kienet gholja wisq. Hija ddikjarat li mhiex qed tahdem, qed tirregistra u tircievi l-Ghajnuna Socjali mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. B'hekk Dr Gasnavi baghtha ghand l-Avukat ghall-Ghajnuna Legali, Dr. Joseph Mifsud.

Illi meta marret tfittex lil Dr. Joseph Mifsud l-ewwel darba ma kenitx taf il-granet u marret meta ma kienx qed jattendi fl-ufficcju tieghu. Meta marret it-tieni darba wara gurnata jew jumejn, hija sabet lil Dr. Malcolm Mifsud u dan talabha l-karti li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz li kienu ghand Dr Gasnavi. B'hekk kellha tmur it-tielet darba, gurnata jew jumejn wara u sabet lil Dr. Joseph Mifsud. Skond l-konvenuta Dr. Joseph Mifsud mela l-karti biex jinhatrilha avukat tal-Ghajnuna Legali.

Illi l-avukat inhatar fit-2 ta' Dicembru 2005 u dan kien Dr. Tonio Azzopardi. Hija marret tkellmu minnufih u nfurmatu li kien hemm seduta fid-9 ta' Dicembru 2005. Dr. Tonio Azzopardi mar il-Qorti bin-nota tal-eccezzjonijiet lesta biex hija tipprezentaha. Izda huwa kellu jillarga mill-Qorti peress li qalilha li kellu appuntament fil-Ministeru tal-Finanzi. Dakinhar hija kellha tikkonferma l-eccezzjonijiet bil-gurament izda fl-assenza ta' Dr. Tonio Azzopardi l-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ordna li n-nota tal-eccezzjonijiet titqieghed fil-*file* u skond hija ma ndunax li tali nota ta' eccezzjonijiet ma kenitx ghadha giet mahlufa. Meta Dr Tonio Azzopardi rritorna l-Qorti u hi nfurmatu b'li gara dahal jinforma lill-Imhallef li ma kienitx ghadha giet mahlufa. Hija kienet prezenti ghal dan. L-Onorevoli

Imhallef qal lil Dr. Tonio Azzopardi biex jipprezenta rikors biex jindika dan u hekk sar.

Illi dakinhar tad-9 ta' Dicembru 2005 Dr Gabriella Vella ghas-socjeta' attrici talbet l-isfilz tan-nota peress li kemm in-nota ta' l-eccezzjonijiet kif ukoll il-kontro-talba kienu tardivi. L-istess inghad fir-risposta tas-socjeta' attrici ghar-rikors tal-konvenuta pprezentat fit-28 ta' Dicembru 2005.

Illi s-socjeta' attrici tellghet lil **Dr Joseph Mifsud** li pprezenta Dok. 'GV1", "GV2" u "GV3". L-istess avukat inkarigat mill-ufficcju ta' l-ghajnuna legali ma setax jaghti informazzjoni dwar dati meta saret it-talba lilu sabiex l-konvenuta tigi ammessa ghall-beneficcju ta' l-ghajnuna legali, anke ghaliex id-dokumenti li kellu fil-pussess tieghu u li fil-fatt esebixxa, ma kellhom ebda timbru tad-dati meta l-istess talba kienet saret. Dwar il-kwistjoni jekk inghatatx il-beneficcju sabiex anki taghmel it-talba rikonvenzjonali huwa qal li huwa kien ezamina biss id-dokumenti li kellu quddiemu sabiex tiddefendi l-kawza taghha u huwa ra c-citazzjoni u ddecieda li kien hemm kaz *prima facie* li tali kawza tigi kontestata – *probabilis causa litigandi* u ladarba ddecieda hekk jieqaf hemm u l-istess xhud pprezenta l-isemmija dokumenti Dok. "GV 1" sa Dok. "GV 3".

Illi l-istess socjeta' attrici resqet lill **Marbeck Spiteri** in rappresentanza tar-Registratur tal-Qorti li xehdet li t-talba ghall-Ghajnuna Legali jidher li waslet fir-Registru fit-2 ta' Dicembru 2005 u l-avukat tal-Ghajnuna Legali gie nnominat fl-istess gurnata. Fuq domanda ta' Dr. Tonio Azzopardi hija xehdet li meta qalet li l-atti nizlu fir-registru fit-2 ta' Dicembru 2005 u dik hija l-gurnata meta Dr. Joseph Mifsud ikun ghadda l-inkartament fir-registru u dan jitnizzel fir-registru, li kopja tieghu giet esebita bhala Dok. "MS 1".

Illi fil-verita' c-cirkostanzi ta' dan il-kaz huma partikolari u jidher car li kien hemm malintiz shih meta effettivament il-konvenuta pprezentat in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha waqt is-seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u din meta ma kienitx assistita minn avukat, u dan ghaliex l-avukat assenjat lilha mill-elenku ta' difensuri

disponibbli sabiex jagixxu taht is-sistema ta’ l-ghajnuna legali kien involut band’ohra b’xoghol professjonali tieghu; fil-fatt jidher li l-istess atti pprezentati waqt is-seduta ma kienx ghadhom gew ikkonfermati mill-konvenuta bil-gurament; b’hekk saret it-talba *da parte* tal-konvenuta sabiex dan in-nuqqas jigi regolarizzat, izda sadanittant s-socjeta’ attrici talbet li tali nota ta’ eccezzjonijiet u kontro-talba jigu sfilzati ghaliex saru *fuori termine,* mentri l-konvenuta qed issostni li hija ghandha tinghata l-opportunita’ li tahlef l-istess atti, allura anke jekk teknikament tardivi, peress li hija pprezentat l-istess atti fl-ewwel okkazzjoni li kellha, ghaliex meta inghata lilha t-terminu minn din il-Qorti diversament presjeduta sabiex tipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet, hija skopriet li ma kellhiex mezzi sabiex tiddefendi ruhha, ma setghetx thallas li-difensur taghha u r-registru u ghalhekk kellha tirrikorri ghall-ammissjoni tal-beneficcju ta’ l-ghajnuna legali li hadilha z-zmien, anke minhabba nuqqas ta’ informazzjoni u direzzjoni, u ghalhekk qed effettivament tipprova tiggustifika l-kontumacja taghha, jekk huwa hekk il-kaz, ghaliex l-istess nota ta’ eccezzjonijiet ma gietx ipprezentata fit-terminu moghti mill-Qorti, f’dan il-kaz diversament presjeduta.

Illi kif inghad fis-sentenza **“Marco Grima vs Rita Grima”** (P.A. (RCP) – 17 ta’ Gunju 2003 - Cit. Nru: 1135/02/RCP):-

*“Illi f’din il-procedura jidher car ghalhekk li l-konvenuta mill-kontenut tar-rikors mhux qed tikkontesta l-validita’ tan-notifika, anzi qed taccetta li hija giet debitament notifikata. Illi pero’ ghall-finijiet procedurali dan ma jeskludiex illi l-konvenuta tista’ tiggustifikata l-kontumacja taghha jekk ikollha raguni tajba. Kieku kull darba li jigi ppruvat li saret notifika skond l-istess artikolu, kellu jigi prekluz mill-purgazzjoni tal-kontumacja, kienet tkun ghal kollox inutili w ozzjuza d-disposizzjoni tal-**artikolu 158 (1) tal-Kap.16** illi tippermetti lill-konvenut li juri lill-Qorti li kellu raguni tajba (reagonable cause) ghan-nuqqas tieghu ( **“Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici” – A.C. 12 ta’ Dicembru 1995)**.*

*Illi l-istat tal-kontumacja huwa bbazat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bic-citazzjoni u hija din id-disubidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik hija element ta' disordni socjali (**"Joseph Vella pro et noe vs John Vella" – A.K. 21 ta' Mejju 1993**)."*

Illi fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited"** (A.C. 28 ta' Jannar 2005 – Citaz. Numru126/03 –) inghad li:-

*"L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali (ara wkoll id-decizjoni in re: Vella pro et noe v. Vella, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII –II –170)".*
*"Ghal bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-eskluzjoni tal-konvenut milli jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet kien jigi adoperat <u>ad unguem</u> minn dawn il-Qrati izda, tenut kont ta' cirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesigu mitigazzjoni fir-regoli tal-procedura, l-istess Qrati bdew, fil-kazi fejn ikun hekk indikat u fl-ahjar sens ta' gustizzja, "ixellfu" din ir-rigidita' u dan sewwa sew minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja kienet iggib maghha. Fil-fatt jirrizulta – anke mid-diversi decizjonijiet citati miz-zewg partijiet fil-kawza – li l-Qrati taghna iddecidew li r-rigorozita' tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata".*

*"Mal-milja taz-zmien anke l-legislatur hass il-bzonn li jintroduci emendi ghal dan l-istatut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza ghall-Artikolu 158 tal-Kap.12. Iz-zmien ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet gie estiz*

*ghal ghoxrin jum u fil-kaz ta' kontumacja nghatat anke l-possibilita' ta' prezentata ta' nota ta' osservazzjonijiet – in omagg tal-principju ribadit fil-gurisprudenza kostanti taghna li mqarr jekk f'istat ta' kontumacja, il-parti mharrka kellha titqies bhala wahda li qeghda tirrimetti ruhha ghall-gustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t-talba".*

*"Sfortunatament gara wkoll li maz-zmien il-flessibilita' li bdiet turi l-Qorti skond il-kaz, dejjem fl-interess tal-gustizzja, waslet ghal certa nuqqas ta' uniformita' u f'certi kazi anke waslet ghal decizjonijiet inkongruwi ghal xulxin. Kaz fejn il-fattispecie tieghu kienu pjuttost jiffavorixxu l-gustifikazzjoni tal-kontumacja gieli michud, filwaqt li kaz iehor fejn in-nuqqas kien jidher aktar evidenti u mhux skuzabbli gieli gie accettat bhala wiehed skuzabbli. Fil-fatt anke fil-kaz in ezami, wiehed jista' jikkostata li certi decizjonijiet u certi enuncjazzjonijiet moghtija mill-Qrati gew citati sija minn parti u sija minn ohra, u dan in proprja difesa, ghas-semplici raguni li l-punt ta' divergenza ma jkunx proprjament konness mal-principju involut <u>imma ma' l-applikazzjoni jew ma' l-interpretazzjoni ta' l-istess principju".</u>*

*"Dan kollu qieghed jinghad ghar-raguni li din il-Qorti hija tal-fehma li wasal iz-zmien fejn dawn il-fehmiet, kif jemanu mad-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, dwar l-istitut tal-kontumacja, jergghu jigu kemm jista' jkun arginati b'mod li jkun aktar konsistenti u uniformi ma' xulxin. Wara kollox, il-bazi tar-regoli tal-procedura hija dik tac-certezza tad-dritt".*

*"Decizjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bhala punt ta' tluq ghal dak li jikkoncerna l-istitut tal-kontumacja u l-principji li ghandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet "Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin;*

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata gusta;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci;*

*(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossibilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

*Dawn l-istess principji gew riaffermati f'diversi decizjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom* ***"Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici",*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, u d-decizjoni fl-ismijiet "***Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul"*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999."*

Illi skond l-istess sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jibqa' mhux ghal kollox ben definit x'tikkostitwixxi *"kawza gusta"* meta mill-principju wiehed ighaddi ghall-ezami tal-fatti. Il-Qorti kompliet hekk :-

*"Fil-fatt gara li ftit ftit bdiet tidhol il-prassi – ghalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumacja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawza, allura dan beda jitqies bhala turija li ma kienx hemm dak*

*id-dispett jew kontumacja li trid tirrizulta biex il-kontumacja ma tigix iggustifikata. Din il-Qorti trid taghmilha cara li gustifikazzjoni merament bazata fuq il-prezenza tal-parti mharrka fl-ewwel appuntament tal-kawza m'huwiex bizzejjed bhala turija li ma hemmx dispett jew kontumacja lejn l-awtorita' gudizzjarja. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."*

Illi fil-fatt din il-Qorti tinnota li fil-gurisprudenza nostrali dejjem saret id-differenza bazika f'dan il-kamp tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja bejn kontumacja kolpuza u kontumacja li tista' tigi gustifikata, u dan huwa llum kkonfermat u konfortat mid-decizjoni fuq citata ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Illi fil-fatt fi kwistjonijiet ta' dan it-tip din hija proprju l-kwistjoni li trid tigi deciza wkoll f'din il-pendenza odjerna. **("Joseph Naudi Montalto nomine vs Emmanuel Xuereb" -** P.A. (G.V). 27 ta' Frar 1995 - LXXIX. III. 1214.)

Illi fis-sentenzi fl-ismijiet **"Perit Edwin Calleja proprio et nomine vs Joseph Said"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Mejju 2000) u fil-kawza fl-ismijiet **"Gloria Beacom vs Anthony Spiteri Staines"** (P.A. (GMA) 9 ta' Dicembru 1993 - LXXVII.III.195) intqal li hemm *"differenza sostanzjali bejn il-konvenut illi juri nuqqas ta' interess assolut fil-kontestatazzjoni ghat-talba ta' l-attur anki ma jidhirx fl-udjenza meta jigi msejjah biex jidher, ghall-kwistjoni ta' konvenut illi ghar-ragunijiet spjegati lill-Qorti jindika illi huwa kellu l-intenzjoni li jikkontesta it-talbiet attrici, pero' dan ma jaghmlux bil-mod previst mill-ligi jew ahjar fiz-zmien previst mill-ligi".*

Illi tal-istess portata hija is-sentenza fl-ismijiet **"Paul Vella et nomine vs Anthony Ellul"** (P.A. (JSP) 4 ta' Lulju 1991 - LXXV.III.729 (B)) fejn l-istess Qorti, ghalkemm il-fatti tal-kaz kienu differenti minn dawk tallum, sostniet il-principju modern illi:-

*"Din il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punitiva necessarja biex tassigura serjeta' fil-proceduri u rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprio minhabba is-sanzjoni spiss irreversibbli li timporta, hi tifhem li ir-rigorozita' tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b'mod ristrettiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma jkun hemm ebda nuqqas da parte tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa……..ma ghandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata."*

Illi tal-istess vina huma s-sentenzi **"Joseph Aquilina nomine vs Lino Debono"** (A.C. 7 ta' Ottubru 1997); **"Joseph Naudi Montalto noe vs Emanuel Xuereb** (P.A. (GV) 27 ta' Frar 1995- LXXIX.II.1214); **"Martin Degabriele vs Joseph Mercieca"** (P.A. (FGC) 20 ta' Ottubru 1995 - LXXIX.III.1295.); **"Pauline Grech noe vs Nazzareno Zammit"** (A.C. 14 ta' Jannar 1993- LXXVII.II.170.); **"Dr. Anthony Vella noe vs Joseph Micallef"** (A.C. 6 ta' Frar 1996- LXXX.II.358).

Illi minn ezami tal-istess giurisprudenza, llum hekk aggornata jidher pero' li ghandhom japlikaw l-istess insenjamenti u konsiderazzjonijiet hekk indikati anke fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Mizzi et nomine vs Emmanuel Navarro"** (A.K. tal-20 ta' Jannar 1996 (LXX.II.234)) fejn gie affermat illi *"impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci…. jew almenu diffikolta' gravi"* ; dan gie ribadit fis-sentenzi **"Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet"** (A.C. 12 ta' Dicembru 1975) u **"Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo"** (A.C. 29 ta' Mejju 1937- XXIX.i.1581) fejn inghad illi *"dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"* u *l-imposibbilta' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment*

*legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali".*

Illi din il-Qorti ukoll taghmel riferenza ghal diversi sentenzi moghtija minnha kif illum hija presjeduta, fejn dawn il-principji gew effettivament applikati fosthom fis-sentenzi **"David Jones vs Joe Pace" (**P.A. (RCP) 16 ta' Novembru 1998); **"Angelo Vella vs Michael Ciappara" (**P.A. (RCP) 10 ta' Gunju 1999.);**"Dr. Christopher Muscat M.D. vs Raymond Bugeja"** (P.A. (RCP) 16 ta' Marzu 1999); **Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Subaru et"** (P.A. (RCP) 21 ta' April 1999.); u **"Golden Gate Ltd vs Meliton Group Limited"** (P.A. (RCP) 6 ta' Mejju 1999).

Illi fil-kaz in ezami jinghad li l-procedura bdiet b'giljottina. Il-konvenuta fl-ewwel dehra meta kellha tidher dehret flimkien ma' l-avukat taghha Dr Gasnavi. Dan kien fid-9 ta' Novembru 2005. Hija xehdet sabiex taghti r-ragunijiet taghha ghalfejn riedet tikkontesta l-kawza u wara il-Qorti, kif diversament preseduta, dehrilha li l-konvenuta ghandha eccezzjonijiet validi xi tressaq u awtorizzatha tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dakinhar tad-9 ta' Novembru 2005.

Illi jirrizulta mill-provi li wara li l-konvenuta ivverifikat xi spejjez kienu involuti hija sabet li l-ispejjez tar-Registru kienu gholjin wisq ghalija anki minhabba li hija mhux qed tahdem u tircievi l-Ghajnuna Socjali mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. B'hekk l-avukat li deher biex jassistiha fl-ewwel seduta qalilha biex tmur ghand l-avukat ta' l-Ghajnuna Legali. Hija hekk ghamlet. Li gara huwa li marret aktar minn darba wahda, u bejn ghax ma kenitx taf precizament il-granet meta jara n-nies, kif ukoll ghaliex kellha ggib il-karti li kellha ghand l-avukat li kellha precedentement, jidher li ghadda zmien sew.

Illi rrizulta mix-xhieda ta' Marbeck Spiteri ghar-Registratur tal-Qorti u mid-dokument li hija pprezentat (Dok. "MS 1") li l-atti minghand l-avukat tal-Ghajnuna Legali nizzlu biss fir-Registru fit-2 ta' Dicembru 2005 u nghata digriet sabiex jinhatar l-avukat u l-prokuratur legali dakinhar stess mill-

Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef. Dwar id-data meta l-istess talba effettivament saret mill-konvenuta, Dr.Joseph Mifsud innifsu ma setax jiftakar id-data meta saritlu tali talba, u ma jidhirx mill-atti li gie registrat meta saret tali talba, haga li certament kellha tkun indikata mill-ufficjali inkarigati.

Illi dak li jirrizulta cert huwa biss li meta l-atti nizzlu fir-registru u nghata d-digriet, iz-zmien ghall-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet ukoll kien diga' skada u dan ghaliex l-ghoxrin (20) gurnata kienu jiskadu fid-29 ta' Novembru 2005, mentri d-data ta' meta l-istess konvenuta giet asenjata avukat ta' l-ghajnuna legali kienet dik tat-2 ta' Dicembru 2005.

Illi mix-xhieda prodotta, nkluza dik ta' l-istess konvenuta, li in verita' bl-ebda mod ma giet kontestata jew kontradetta, jidher li wara li l-istess konvenuta nghatat il-fakolta' li tipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha, hija ghamlet minn kollox sabiex taderixxi ruhha ma' l-istess, l-ewwel ma' l-avukat taghha, u wara meta rat li ma setghetx bil-mezzi li kellha tiddefendi ruhha, billi fittxet l-avukat ta' l-Ghanuna Legali u dan, anke minhabba nuqqas ta' informazzjoni, u wkoll minhabba certu inkonvenjenzi ohra, li l-konvenuta ma setghetx kellha kontroll fuqhom, jirrizulta li l-istess atti ma' setghux jigu pprezentati minnha fit-terminu indikat; certament dan hija ma setghetx taghmlu wahedha izda permezz ta' avukat u ma jidhirx li b'xi mod jista' jinghad li l-konvenuta ma ppruvatx tiddefendi l-interessi taghha, u jidher li meta giet effettivament assenjata avukat ta' l-Ghajnuna Legali hija kkonsultat mieghu mill-ewwel, tant li wara biss sebat ijiem kienu gja redatti n-nota ta' eccezzjonijiet u l-kontro-talba, u dawn ma gewx mahlufa anke peress ta' malintiz u cirkostanzi partikolari, fuq kollox dak li fil-mument meta ssejhet il-kawza d-difensur taghha kien maqbud band'ohra b'xoghol, ghalkemm il-konvenuta baqghet prezenti quddiem il-Qorti u anke pprezentat l-istess atti, kif diretta mill-istess Qorti dak in-nhar tad-9 ta' Dicembru 2005, minghajr hadd ma intenda li l-istess nota ta' eccezzjonijiet u kontro-talba ma kellhomx id-dikjarazzjoni mahlufa,

ghaliex kieku dan gie a konjizzjoni tal-Qorti certament li kien jinstab rimedju mill-ewwel ghall-istess.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz din il-Qorti thoss li jirrizulta li l-konvenuta ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi sabiex taghmel hilitha kollha sabiex tipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet anke fit-terminu ndikat izda minhabba cirkostanzi li hija ma kellhiex kontroll fuqhom, inkluz iz-zmien sabiex hija indunat li bil-mezzi li kellha ma setghetx tiddefendi ruhha, iz-zmien sabiex sabet kif u meta kellha tkellem lill-avukat ta’ l-ghajnuna legali, u z-zmien li nhadet sabiex tigi pprocessata t-talba taghha ghall-Ghajnuna Legali, u fl-ahharnett iz-zmien sabiex l-istess konsult isir mad-difensur lilha moghti jew assenjat, kollha kkontribwew sabiex l-istess nota ta’ eccezzjonijiet ma setghetx tigi pprezentata fit-terminu stipulat mill-ligi u f’dan il-kaz mill-Qorti.

Illi dwar is-sottomissjonijiet l-ohra maghmula mis-socjeta’ attrici dwar l-allegazzjoni li l-konvenuta ma setghetx taghmel l-kontro-talba *stante* li r-relazzjoni ta’ l-avukat ta’ l-Ghajnuna Legali ma ndikax li l-istess setghet taghmel kontro-talba, din il-vantazzjoni hija bla ebda bazi legali u dan peress li l-ammissjoni ghall-ghajnuna legali nghatat lill-konvenuta sabiex tiddefendi din il-kawza u ladarba hija setghet taghmel dan b’nota ta’ eccezzjonijiet, ma kien hemm xejn x’josta lill-konvenuta milli tipprevalixxi ruhha mill-istess citazzjoni attrici u tipprezenta kontro-talba – certament li d-digriet ghall-Ghajnuna Legali mahrug favur l-attrici bl-ebda mod ma’ impediha milli taghmel dan.

Illi konsegwentement u *in vista* ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-konvenuta rnexxielha tiggustifika l-kontumacja taghha u ghalhekk tilqa’ t-talba taghha sabiex tammetti tali nota ta’ eccezzjonijiet u kontro-talba b’dan li d-dikjarazzjonijiet annessi ma’ l-istess ghandhom jigu ikkonfermati bil-gurament mill-konvenuta fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni u tali dokumenti kollha inkluz l-kontro-talba ghandhom jigu notifikati skond il-ligi lis-socjeta’ attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' attrici datata 25 ta' Jannar 2006 u wkoll tichad it-talba attrici kontenuta fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2005 ghall-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u l-kontro-talba tal-konvenuta u dan *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' it-talba tal-konvenuta kontenuta fir-rikors taghha datat 28 ta' Dicembru 2005** b'dan li din il-Qorti tiddeciedi li minhabba r-ragunijiet premessi l-konvenuta rnexxielha tiggustifika l-kontumacja taghha u ghalhekk tippermetti l-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tal-kontro-talba tal-konvenuta pprezentati mill-konvenuta waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2005, b'dan li l-istess konvenuta ghandha tahlef id-dikjarazzjonijiet annessi ma' l-istess atti gudizzjarji medesimi fir-Registru u dan fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni u bin-notifika ta' l-istess lill-kontro-parti skond il-ligi.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni riservati ghad-decizjoni finali.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------